## 13 ta' Marzu, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Ġorġ Bugeja *versus* Carmelo Vella

**Periti Addizzjonali — Diskretiva tal-Qorti — Appell — Art. 674 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-Qorti mhix obligata, iżda għandha l-fakoltà, li tipproċedi għan-nomina ta' periti addizzjonali. Din hija attribuzzjoni eskluživa tal-Qorti, eżerċibili fid-diskretiva illimitata tagħha. U din il-latitudini hija tant estiża, illi l-eżerċizzju ta' din il-fakoltà mhux sindakabili mill-Qorti ta' l-Appell.*

*Il-Qorti jrid ikollha raġunijiet qawwija biex tinnomina periti addizzjonali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, billi fit-12 ta' Diċembru 1951, minħabba imperizja, traskuraġni, u jew negliġenza fil-waqt illi l-konvenut kien qiegħed iħott merkanzija minn fuq vapur olandiż, ikkaġuna lill-attur ferita gravi u danni konsegwenzjali, konsistenti fi spejjeż ta' l-isptar u telf ta' xogħol, u fi kwalukwe dannu ieħor li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, prevja, jekk neċessarja, in-nomina ta' periti; talab li l-konvenut jiġi minn dina l-Qorti dikjarat responsabbli tad-danni kaġunati mill-attur minħabba negliġenza, imperizja, u jew traskuraġni tiegħu fil-waqt li kien qiegħed iħott merkanzija minn fuq vapur olandiż fit-12 ta' Diċembru 1951, konsistenti fi spejjeż ta' l-isptar u f'telf ta' xogħol, u fi kwalunkwe dannu ieħor illi jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; salva l-likwidazzjoni ta' l-istess danni f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra legali, u bl-inġunzjoni lill-konvenut biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar it-talba tal-konvenut għan-nomina ta' periti addizzjonali;

Illi skond l-art. 674 (Proċ. Civ.), il-Qorti mhix obligata

iżda għandha l-fakoltà li tipproċedi għan-nomina ta' periti addizzjonali; jiġifieri hija attribuzzjoni esklużiva tal-Qorti, eżerċibili fid-diskretiva illimitata tagħha, li tirrikorri għal periti simili—ħaġa din li, skond il-kriterju traċċjat mill-ġurisprudenza (Kollez. XXI—I—277), għandha tirriżulta miċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, u speċjalment meta jkun hemm raġunijiet tekniċi li għalihom il-ġudikant ikun estraneu għal kollox. U dina l-latitudini hija tant estiża, li l-eżerċizzju ta' dina l-fakoltà mhux sindakabili mill-Qorti ta' l-Appell (Kollez. XXIX—I—384). Konsegwentement il-Qorti jrid ikollha raġunijiet qawwijin biex tinnomina l-periti addizzjonali — ċirkustanza dina li ma tirrikorrix, peress li, apparti li mhux il-każ ta' speċjalità teknika, il-konvenut qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq ir-rifless li preżenti għall-korriment kien hemm xi xhieda okulari attendibili, u din ir-raġuni tidħol u tiddependi mill-kredibilità ta' dawk x-xhieda, li hija riżervata għall-ġudizzju tal-Qorti. Għalhekk m'hemmx lok li jiġu nominati periti addizzjonali, u t-talba relativa tal-konvenut qiegħda tiġi respinta; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Fil-meritu, imbagħad, tikkunsidra;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevja adozzjoni tal-konklużjonijiet peritali, safejn kompatibili;

Tilqa' t-talba ta' l-attur, fis-sens li tiddikjara lill-konvenut responsabili tad-danni kaġunati lill-istess attur fil-waqt li kien qiegħed jinħatt il-vapur fit-12 ta' Diċembru 1951; salva l-likwidazzjoni ta' dawk id-danni f'kawża oħra;

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.